**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 127/2007JVC**

**Guzeppa Portelli u b'digriet tat-23 ta' Novembru 2011 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary Lourdes Piscopo stante l-mewt tal-attrici fil-mori tal-kawza**

**Vs**

**Direttur Ufficju Kongunt u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2008 Beligna Portelli giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza in statu et termini u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2015 il-gudizzju gie trasfuz fisem Joseph Portelli, Paul Portelli, Angelo Portelli, Michael Portelli, Rita Theuma u Mary Lourdes sive Mary Mifsud stante l-mewt ta' Beligna Portelli**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li eccepiet:

1. Illi missier l-attrici Angelus Portelli kien inkwilin ta' porzjon art imsejjah klawsura 'ta' Wied Bingemma' Parti tnejn Nadur Ghawdex u li fuqha kien hemm mibni razzett li jgib l-indirizz tlettax (13) Triq Ghajn Qasab, Nadur, Ghawdex. L-imsemmi Angelus Portelli baqa' jghix go dan ir-razzett u jahdem dan ir-raba sa mewtu.
2. Illi l-attrici hija xebba u sa minn twelidha ghexet u trabbiet go dan ir-razzett. Sussegwentement wara l-mewt tal-genituri taghha baqghet tabita go fih.
3. Illi l-attrici kienet ukoll tahdem ir-raba li kien hemm ma' dan ir-razzett.
4. Illi hadd aktar hlief l-attrici qatt ma ghex go dan ir-razzett.
5. Illi r-raba li kien jakkumpanja dan ir-razzett f'hajjet Angelus Portelli dejjem inhadem minnu bl-assistenza ta' l-attrici u bl-assistenza ta' huha Emanuel Portelli.
6. Illi wara l-mewt ta' Angelus Portelli l-attrici baqghet tghix go dan ir-razzett u flimkien ma' huwha baqghet tahdem l-art rimanenti parti minn din il-kirja.
7. Illi din l-art u dan ir-razzett originarjament kienu proprjeta' tal-knisja llum saru proprjeta' tal-konvenut Direttur ta' l-Ufficju kongunt u fuqhom tithallas il-kera ossia qbiela.
8. Illi xi zmien wara l-mewt ta' Angelus Portelli din il-kirja daret fuq Emanuel Portelli. Dan minkejja illi kien hemm korrispondenza sabiex il-kirja iddur kemm fuq Emanuel Portelli kif ukoll fuq l-attrici Guzeppa Portelli.
9. Illi wara l-mewt ta' Emanuel Portelli l-attrici kitbet diversi drabi lill-Ufficju Kongunt sabiex jirrevedi l-pozizzjoni tieghu u jibda jirrikonoxxi lill-attrici bhala nkwilina jew ghall-inqas ko-inkwilina

ta' din l-art u razzett. Mandanakollu d-direttur ta' l-Ufficju Kongunt baqa; jirrifjuta li jirrikonoxxi dan l-istat ta' fatt u minkejja li ngabu quddiemu diversi provi dwar il-veracita' tal-pozizzjoni ta' l-attrici, il-konvenut baqa' jwebbes rasu u ma jirrikonoxxix lill-attrici bhall-inkwilini jew ko-inkwilina ta' din l-art jew razzett. Ghall-kuntrarju rrikonoxxa persuna li ma ghandha x'taqsam xejn ma' dan ir-raba.

10. Illi l-konvenut irritena din il-pozizzjoni u nforma b'dan lill-attrici permezz ta' ittra tad-disgha (9) ta' Lulju, elfejn u sebgha (2007), kif ikkonfermata permezz ta' ittra ohra tat-tlieta (3) ta' Ottubru, elfejn u sebgha (2007).
11. Illi mir-risposta moghtija l-konvenut ghogbu jibbaza d-decizjoni tieghu fuq konsiderazzjonijiet li ma kellhomx x'jaqsmu u li huma ghal kollox differenti mir-ragunijiet veri li kienu qeghdin jingiebu mill-attrici u li a bazi taghhom kienet qeghda taghmel din it-talba.
12. Illi d-decizjoni tad-direttur tal-ufficju kongunt hija wahda abbuziva kwantu maghmula fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll hija wahda kontra l-ligi. Barra minn hekk din id-decizjoni hija wahda deskriminatorja u ultra vires.
13. Illi ghaldaqstant jezisti lok li din id-decizjoni tigi mistharrga gudizzjarment skont il-ligi.
14. Illi dan ir-rikors qed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attrici Guzeppa Portelli li ghandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Talbet li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-konvenut kif prodotta fl-ittra msemmija tad-disgha (9) ta' Lulju, elfejn u sebgha (2007) u tlieta (3) ta' Ottubru, elfejn u sebgha (2007) hija wahda moghtija abbuzivament in kwantu hija bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll hija wahda kontra l-ligi, diskriminatorja u ultra vires.
2. Konsegwentament tannulla u tirrexxindi d-decizjoni mehuda mid-direttur ta' l-ufficju kongunt.
3. Tordna lid-direttur tal-ufficju kongunt sabiex jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.
4. Taghti kull ordni ohra li jidhrilha opportun fic-cirkustanzi.

Bl-ispejjez kollha nkluza VAT inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Settembru, 2007 u ta' l-ittra nterpellatorji tat-tlettax (13) ta' Settembru, elfejn u sebgha (2007), sbatax (17) ta' Lulju elfejn u sebgha (2007), u ghoxrin (20) ta' Lulju, elfejn u sebgha (2007), tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju, elfejn u sebgha (2007), u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt illi eccepixxa:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:-

(i) Kuntrarju ghal dak allegat fir-rikors promotur, ir-rikorrenti m'ghandha ebda titolu jew dritt fil-ligi li tigi rikonoxxuta mill-

esponent, u dan ai termini tal-artikolu 2 tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Illi mhux minnu illi l-esponent agixxia b'mod diskriminatorju, abbuziv jew illegali versu r-rikorrenti billi d-decizjoni mehuda minnu saret skont il-ligi kif inhi citata aktar 'il fuq;

(iii) Illi d-decizjoni tal-esponenti giet mgharrfa u spjegata lir-rikorrenti permezz ta' diversi korrispondenzi u ghaldaqstant il-proceduri odjerni nfethu nutilment;

(iv) Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti, xhieda, affidavits u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha annessi 59/2008 u 105/2008;

Rat illi permezz ta' digriet datat 13 ta' Marzu, 2008 giet milqugha t-talba ta' Beligna Portelli (armla ta' hu l-attrici Emanuel Portelli) sabiex tintervenjeni fil-kawza *in statu et termini.*

Rat il-legittimazzjoni tal-atti da parti tal-attrici u l-intervenuta in vista tal-mewt taghhom fil-mori;

Rat illi fil-verbal tat-8 ta' Marzu, 2017 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza Guzeppa Portelli (illum mejta) tattakka rikonoxximent li sar fuq qbiela ta' raba maghruf bhala *"Klawsura 'ta' Wied Bingemma, parti tnejn (2), Nadur, Ghawdex"* kontenenti razzett li jgib indirizz *"tlettax (13) Triq Ghajn Qasab, Nadur, Ghawdex"* u ssostni li kellha tkun hi li suppost giet rikonoxxuta bhala nkwilina mhux huha Emanuel Portelli u konsegwentement l-eredi tieghu jew li almenu kellha tkun rikonoxxuta bhala ko-inkwilina mieghu;

Mhux kontestat fl-atti li missier l-attrici u missier Emanuel Portelli Angelus Portelli kien l-inkwilin originali tal-porzjon art in kwistjoni u li huwa baqa' jghix go dan ir-razzett u jahdem dan ir-raba sa mewtu flimkien ma' martu u bintu l-attrici Guzeppa Portelli. Hadd mill-partijiet ma jikkontesta l-fatt li Guzeppa Portelli twieldet u ghexet hajjitha kollha fir-razzett li jifforma parti minn din ir-raba'. Tant hu hekk li l-intervenuta fil-kawza Benigna Portelli fis-16 ta' Mejju, 1996 (armla ta' Guzeppa Portelli cioe' Emanuel Portelli) kienet anki ghamlet dikjarazzjoni lill-Ufficcju konvenut fejn sostniet kif isegwi:

*'B'referenza ghad-dikjarazzjoni mibghuta in konnessjoni mad-dar numru 13, Ghajn Qasab Street, Nadur datata 30 ta' Marzu 1996 nixtieq inzid li f'din id-dar ghada tghix Guiseppe Portelli, li tigi oht l-mejjet Emanuel Portelli;*

*U twieldet go dik id-dar flimkien ma' hutha kollha nkluz Emanuel Portelli, u baqghet tghix fiha anke wara li hutha kollha zzewgu u wara anke l-mewt tal-genituri taghhom, fejn ghadha tghix hemmhekk sallum.*

*Xhud ta' din se ntik l-I.D. Card taghha li huwa 065521 G.'  (fol. 81)*

*Illi m'hemmx ukoll kontestazzjoni bejn il-partijiet li din l-art u dan ir-razzett originarjament kienu proprjeta' tal-Knisja mentri llum wara l-ftehim bejn il-Knisja u l-Gvern saru proprjeta' tal-esponent Direttur ta' l-Ufficcju kongunt u fuqhom tithallas il-qbiela llum mill-eredi ta' Emanuel Portelli;*

M'hemm ukoll kontestazzjoni li sakemm kien ghadu haj Angelus Portelli, Emanuel Portelli kien jghin lil missieru jahdem l-istess raba'. L-attrici ssostni li flimkien ma' Emanuel Portelli hija kienet ukoll tghin lil missierha u wara l-mewt ta' missierha baqghu jahdmu l-istess raba' hi u Emanuel Portelli. Dwar dan il-punt ma hemmx qbil bejn il-partijiet salv izda li l-intervenuti fil-kawza lkoll jikkonfermaw li jekk l-attrici ma kinitx tahdem ir-raba' kollha kienet zgur tahdem giardina madwar ir-razzett formanti parti mill-istess raba' u dan sabiex taghmel haxix tal-borma u xi fjuri.

Illi jirrizulta mill-provi esebiti li wara li gie nieqes Angelus Portelli fis-sena 1974 il-Knisja dawret din il-qbiela fuq Emanuel Portelli. Jirrizulta li dan kien qabel ma' l-art ghaddiet ghand il-Gvern ta' Malta u cioe' ma kienx ghadu sar responsabbli tal-art in kwistjoni id-Direttur konvenut. Fis-snin precedenti li l-kirja bdiet issejjah lil Emanuel Portelli, kien hemm xi snin fejn il-qbiela thalset mill-attrici Giuseppa Portelli ghan-

nom ta' missierha li izda kien mejjet (ara l-ircevuti a fol. 130 tal-process li juru l-ircevuti ghas-snin 1975, 1976 u 1977. Mis-sena 1978 'il quddiem jirrizultaw ircevuti mahruga mill-prokuratur responsabbli ta' dak iz-zmien imqabbad mill-Knisja f'isem hu l-attrici Emanuel Portelli (ara l-ircevuti a fol 131). Mill-atti f'dan il-process u minn dawk annessi jirrizulta li din ir-raba' kienet inqalbet mill-Knisja (Enti proprjetarju Monasteru ta' Sant Ursola) unikament fuq Emanuel Portelli probabbilment rizultat ta' skrittura privata li tinsab esebita a fol. 141 tal-process odjern u li taqra kif isegwi:

*'Ahna li hawn that iffirmati Karmelu Portelli, Maria mart Karmelu Muscat, Guzeppa Portelli xebba, Pietra mart Salvu Muscat, Antonia mart il-mejjet Ganni Portelli u Maria Portelli xebba bint il-mejtin Karmela Portelli lkoll ulied il-mejtin Anglu Portelli u Grezzja nee Said imwildin u joqghodu n-Nadur Ghawdex nawtorizzaw lil huna Emmaneuele Portelli li joqghod Nr. 3. Old Windmill Street, Nadur, Ghawdex sabiex idawwar il-post li qieghed 13, Ghajn Qasab str. Nadur u r-raba li hemm mieghu msejjah ix-xaghri ta' Wied Bin-Gemma li kien fuq il-mejjet missierna Anglu Portelli. '*

Din l-iskrittura ggib id-data tal 25 ta' Gunju, 1978. Din l-istess skrittura tidher li hija ffirmata mill-persuni kollha msemmija fiha nkluz Giuseppa Portelli l-attrici u bhala xhud tal-firma tidher il-firma tal-Kanonku Antonio Borg.

Fil-mori tal-kawza odjerna l-attrici allegat li l-firma fuq din l-iskrittura ma kinitx taghha u anki allegat li kien hemm firem ohra li kienu gew

iffalsifikati liema allegazzjoni kienet suggett ghall-kawza ohra bin-numru 105/2008 (atti annessi) u li kienet deciza kif isegwi:

*'Fil-fehma tal-qorti il-kawza odjerna saret inutilment, in kwantu l-kwistjoni dwar jekk il-firma ta' Giuseppa Portelli fl-iskrittura datata 25 ta' Gunju 1978 saritx mill-attrici setghet facilment giet trattata u deciza fil-kawza numru 127/2007 li issa qeghdha tistenna l-ezitu ta' din il-kawza. F'dik il-kawza l-iskrittura in kwistjoni, jew ahjar kopja taghha, giet prezentata minn Raymond Bonnici, Property Manager tal-Kurja. Fl-Artikolu 634 u 635 tal-Kap. 12 insibu r-regoli dwar firem u sinjali b'salib flok firem, u x'jigri meta tigi kontesta firma. Meta l-attrici xehdet fit-12 ta' Novembru 2008 iddikjarat li l-firma Giuseppa Portelli li hemm fl-iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978 m'hijiex taghha u wara qalet ".... ma nahsibx li hija tieghi." (fol. 49). L-attrici ma kellhiex ghalfejn toqghod taghmel kawza sabiex tikkontesta li l-firma Guzeppa Portelli saret minnha.*

*Mill-provi jirrizulta li l-Ufficcju Kongunt, wara l-mewt ta' Emanuel Portelli, irrikonoxxa lil martu (Beligna Portelli) bhala nkwilina. Mill-atti jirrizulta li dan sar b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kap. 199. Mill-provi jidher li l-kirja li kellu Michelangelo Portelli kienet ta' fond rustiku, fis-sens li r-razzett kien intiz ghall-abitazzjoni ta' dawk li jiehdu hsieb bil-hidma u xoghol taghhom tal-koltivazzjoni tar- raba'. Ghalhekk fil-fehma tal-qorti jidher li f'dan il-kaz japplikaw il-provvedimenti tal-Kap. 199.*

*L-attrici qalet li ma ffirmatx id-dokument in kwistjoni. Il- konvenuta Rita Theuma xehdet li twieldet fl-1964 u li kienet ghamlet it-typing tal-dokument oggett ta' din il- kawza. Qalet ukoll li ".... dan id-dokument kien gie ffirmat miz-zija Peppina u Carmelo Portelli, li hu z-ziju l-kbir fost l-ahwa, fil-prezenza ta' Dun Karm Portelli, ommi u missieri. Jien kont prezenti. Konna qeghdin fid-dar fejn tghix Peppina fil-bitha. Nikkonferma li l-papa kellu sitt ahwa, dawk li ffirmaw l-iskrittura. Jiena tnejn biss rajthom jiffirmaw l-iskrittura, Carmelo Portelli u z-zija Peppina" (fol. 129). Il-qorti ghandha d-dubji serji kif Rita Theuma li fl-1978 kien ghad ghandha biss 14-il sena, ghadha tiftakar xi haga bhal din. Dan iktar u iktar meta fir-risposta guramentata l-konvenuti, inkluz Rita Theuma, iddikjaraw li xhieda tal-firem tad-dokument in kwistjoni huma biss Beligna Portelli u Kanonku Dun Antonio Borg. Ghalkemm Beligna Portelli qalet li kienet prezenti meta l-attrici ffirmat l-iskrittura, in*

*kontro-ezami l-ewwel qalet li ma kienx gie iffirmat xi dokument bejn l-ahwa dwar il-fond in kwistjoni u ezatt wara li ma kenitx taf (fol. 142).*

*Il-perit gudizzjarju Dr Juliana Scerri Ferrante esprimiet il-fehma li l-firma Guzeppa Portelli li hemm fl-iskrittura oggett tal-kawza, probabbilment giet falsifikata. Waslet ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-karta tal-identita' tal-attrici numru 65521G u karta ta' identita', iktar antika, bin- numru 174121. Sfortunatament illum l-attrici m'hijiex f'kundizzjoni ta' sahha li tiffirma. M'hemmx dubju li anke mad-daqqa ta' ghajn il-firma tal-attrici fil-karta tal-identita 174121 hi ghal kollox differenti minn dik li tidher fl- iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978. Il-firma fil-karta tal-identita 174121 presumibilment saret fis-snin sebghin meta tikkunsidra li l-Att dwar il-Karti tal-Identita' (Kap. 258) kien dahal fis-sehh fl-1 ta' Gunju 1976. Il-perit gudizzjarju Dr Juliana Scerri Ferrante rat ukoll il-karta tal-identita' numru: 65521G li kienet valida mit-22 ta' Frar 2002 sat-30 ta' Settembru 2006. Il-qorti rat kopja ta' dan id-dokument ghalkemm ma giex prezentat mill-attrici man-nota tad-19 ta' Ottubru 2010. Il-firma fuq dan id-dokument tidher ukoll differenti minn dik li hemm fl-iskrittura in kwistjoni, u tvarja wkoll minn dik fuq il-karta tal-idenita numru 174121. Ghalkemm hu minnu li idejalment kienu jigu prezentati iktar dokumenti ufficjali bil-firma tal-attrici, pero' l-firma Guzeppa Portelli li hemm fl-iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978 hi tant differenti minn dik li tidher fil-karta tal-identita 174121, li l-qorti hi moralment konvinta li l-attrici m'hijiex l-awtrici ta' dik il-firma.*

*Hemm certezza li wara l-mewt tal-genituri, l-attrici baqghet tghix fil-post. F'ittra datata 16 ta' Mejju 1996 mibghuta mill-konvenuta Beligna Portelli lill-Ufficcju Kongunt ikkonfermat li fid-dar kienet ghadha tghix l-attrici; "U twieldet go dik id-dar flimkien ma' huta kollha inkluz Emanuel Portelli, u* ***baqghet tghix fiha anke wara li hutha kollha zzewgu u wara anke l-mewt tal-genituri taghhom, fejn ghadha tghix hemmhekk sallum.****". Fl-1978 meta suppost l-attrici ffirmat id-dokument in kwistjoni, Emanuel Portelli kien diga' mizzewweg lil Beligna Portelli u huma kien jghixu f'dar fi Triq il-Mithna l- Qadima, Nadur, Ghawdex. Madankollu jidher li Emanuel Portelli kellu nteress li l-kirja tinqaleb f'ismu, minkejja li kien mizzewweg u kien ighix band'ohra. Kien b'sehh minn Awwissu 1978 li r-ricevuta tal-kera bdiet tohrog f'isem Emanuel Portelli. Mill-provi ma jirrizultax bl-iktar mod car kif l-attur wassal sabiex ikkonvinca lill-awtoritajiet ekklesjastici sabiex jirrikonoxxuh bhala nkwilin.*

*Permezz ta' ittra datata 3 ta' Marzu 1979 Emanuel Portelli baghat igharraf lil certu Dun Karm li:*

*"Jiena hassejt il-bzonn li ghandi ninformak fuq ir-razzett li, qeghdin fih ohti Guzeppa u jien, ghaliex Mikiel oht Maria qalli li gie fejnek u qal li int ghidtlu li lili u lil ohti Guzeppa u li hija Karmnu se tkeccina 'l barra u tatieh lilu kollu cens perpetwu. Ghalhekk ahna nhossuna nkwetati hafna b'dan il-kliem...... Ahna nhossu li twelidna hemm gew u ghadna nghixu hemm gew, ghandna kull dritt li nibqghu nghixu hemm gew daqs kemm ghandhom dritt huma. Nghidlek ukoll li jekk kemm-il darba taghmel xi hsieb li r-razzett fejn noqghod jien u ohti trid tbieghulna ahna nixtruh.".*

*Minn din l-ittra jirrizulta li terzi kienu qeghdin jipprovaw jixtru l-proprjeta'.*

*F'affidavit li ghamlet l-attrici fil-15 ta' Jannar 2008 xehdet:*

*"Naf li wara l-mewt ta' missieri l-kirja kienet daret fuq hija Emanuel izda hija naf li anke kellem avukat sabiex il-kirja tigi fuqi u fuqu. L-avukat li kien kellem kien l-avukat Michael Grech illum mejjet. Naf li kienet inkitbet xi ittra dwar dan.".*

*Ir-realta' hi li wara l-mewt tal-genituri, l-attrici kellha kull dritt bis-sahha tal-ligi li tibqa' tghix fil-fond in kwistjoni u tigi rikonoxxuta bhala inkwilina. Il-qorti ma tistax tifhem x'raguni seta' qatt kellha li l-attrici li tirrinunzja ghad-dritt ta' inkwilinat. Il-konvenuti jsostnu li sar hekk ghaliex l-attrici ma riditx thallas il-kera. Pero' mill-provi rrizulta li l-attrici kienet qeghdha thallas kera. Hu stramb ukoll kif Emanuel Portelli, wara li Guzeppa Portelli suppost iffirmat l-iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978, fl-ittra tat-3 ta' Marzu 1979 qal li hu u ohtu (l-attrici) kienu nteressati li jixtru l- proprjeta'. Jekk il-firma Guzeppa Portelli hi tal-attrici, jistona wkoll kif fit-12 ta' Awwissu 1991 Maria Camilleri, neputija tal-attrici, baghtet ittra lill-Kurja fejn iddikjarat: "Kellna bicca art fi triq Ix-Xaghra ta' Wied Bingemma fin-Nadur li kienet f'idejn iz-ziju tieghi Emanuel Portelli. Parti minnha hadha l-gvern biex jibni l-plots. Jekk joghgbok tista' tghidilna r-razzett u dak li fadal huwiex f'idejkom jew hadux il-gvern? Qed niktiblek, halli fil-kaz li ghadu ghandkom, ahna nixtiequ nixtruh. Jekk inhu hekk ghidli x'ghandi naghmel.".*

*Wara li l-qorti qieset ic-cirkostanzi li jissemmew hawn fuq, hi tal-fehma li fuq bazi ta' probabbilita' l-firma Guzeppa Portelli fuq l-iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978 m'hijiex tal-*

*attrici. F'kull kaz il-qorti qeghdha taghmilha cara li din id-decizjoni ma tfissirx li l-posizzjoni ta' Beligna Portelli qeghdha tigi pregudikata, kwistjoni li ghad trid tigi determinata fil-kawza l-ohra* ***Guzeppa Portelli vs Direttur Ufficcju Kongunt*** *(Rikors numru: 127/2007).*

*Ghal dak li jirrigwarda t-talba relatata mal-firem ta' Maria Muscat u Maria Portelli fl-iskrittura in kwistjoni, fil-fehma tal-qorti din hi materja li ma tista' taghti l-ebda beneficcju lill-attrici. L-istess japplika fir-rigward tal-ilment li l-iskrittura m'hijiex iffirmata mill-werrieta kollha ta' Michelangelo Portelli. Fil-fehma tal-qorti kieku rrizulta li l-attrici ffirmat l-iskrittura, ma setghet tiehu l-ebda beneficcju mill-fatt li l-iskrittura ma tkunx giet iffirmata mill-werrieta kollha ta' Michelangelo Portelli u li xi firem m'humiex ta' whud mill- werrieta tieghu.*

***Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-***

***1. Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni.***

***2. Tichad it-tielet eccezzjoni.***

***3. Tiddikjara li l-attrici m'ghandhiex interess guridiku sabiex tattakka l-firem ta' persuni ohra li hemm fl-iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978 u l-fatt li mhux il-werrieta kollha ta' Michelangelo Portelli ffirmaw l-iskrittura.***

***4. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti u tiddikjara:-***

***i. Il-firma Guzeppa Portelli li tidher fl-iskrittura datata 25 ta' Gunju 1978 m'hijiex tal-attrici.***

***ii. Tiddikjara li l-iskrittura datata 25 ta' Gunju 1978 ma torbotx lill-attrici.***

***Tordna li l-ispejjez ikunu kollha a karigu tal-attrici minhabba li din il-kawza saret inutilment. B'dan li l-ispejjez relatati mal-perizja ta' Dr Juliana Scerri Ferrante hi a karigu tal-konvenuti, peress li dan l-ezercizzju kien xorta jkollu jsir kieku din il-kawza ma saritx.'***

Jirrizulta lil din il-Qorti li ghalkemm din id-decizjoni giet appellata, salv ghall-kap tal-ispejjez, id-decizjoni fil-prim'istanza giet konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Jirrizulta wkoll mill-provi fl-atti li huwa fl-istadju ta' wara l-mewt ta' hu l-attrici Emanuel Portelli li d-Direttur konvenut dahal fix-xena u dan stante li gie mitlub jirrikonoxxi lill-eredi tal-istess Emanuel Portelli bhala nkwilini tar-raba' u cioe l-intervenuti fil-kawza odjerna. Fl-atti jirrizultaw lil din il-Qorti ittri lkoll datati fis-sena 2007 fejn l-Avukat tal-attrici beda jinsisti li l-kirja kellha tinqaleb fuq l-attrici bhala nkwilina jew almenu ko-nkwilina tal-art u r-razzett u mhux fuq l-eredi ta' Emanuel Portelli (ara fol. 41 et seq). Min-naha tieghu d-Direttur konvenut permezz ta' ittri datati 9 ta' Lulju 2007 u 3 ta' Ottubru 2007 insista li l-pozizzjoni mehuda minnu kienet legalment korretta (ara fol. 9 u 10 tal-process). Is-Sur Vincent Gilson in rapprezentanza tad-Direttur konvenut li xehed diversi drabi f'dawn il-proceduri u anki esebixxa diversa dokumentazzjoni relatata li kellu fil-proccess tieghu (ara fol. 75 et seq, fol 84 et seq u fol. 383 et seq) filwaqt li kkonferma li d-Dipartiment kien infurmat li l-attrici kienet tirrisjedi sa mit-twelid fir-razzett in kwistjoni qabel ma ha d-decizjoni li jirrikonoxxi l-eredi ta' Emanuel Portelli, jikkonferma u jinsisti li d-decizjoni mehuda kienet wahda legalment korretta ai termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt dan ix-xhud jinsisti li meta l-art ghaddiet ghand il-Gvern ta' Malta mill-Knisja, il-Knisja gia kienet irrikonoxxiet lil Emanuel Portelli bhala l-uniku nkwilin tar-raba' in kwistjoni u ghaldaqstant meta gew rikonoxxuti l-eredi tieghu d-Dipartiment, dejjem skont dan ix-xhud,

mexa ezatt ma' dak li tiddetta l-ligi u xejn aktar. Fix-xhieda tieghu tat-2 ta' April 2008 huwa jixhed kif isegwi:

*"Nikkonferma illi l-kirja in kwistjoni kienet inghatat originarjament mill-Knisja, mbaghad meta sar il-ftehim bejn l-istat Malti u l-Knisja l-Propjeta' ghaddiet f'idejn il-Joint office. Meta il-propjeta' ghaddiet ghand il-Gvern r-registered lessee kien Emanuel Portelli.... L-ircevuti tal-Knisja huma f'isem Emanuel Portelli... Mir-records tieghi, anzi mill-file, meta l-art giet mill-Kurja kienet registrata f'isem Emanuel Portelli. Jiena nikkonferma li bhala ufficju ahna qeghdin nikkunsidraw li din il-propjeta' taqa' taht l-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi din kienet a rural lease... jidher mir-records illi ghandna illi qabel Emanuel Portelli l-Inkwilin kien Angelo Portelli."*

Sussegwentement fix-xhieda tieghu tat-30 ta' April 2008 isostni kif isegwi:

*"Meta l-art giet ghand l-ufficcju kongunt minghad il-knisja, ahna kellna diga' lil Emanuel Portelli bhala inkwilin u kienet tithallas qbiela skont ir-record li ghandna. Kien ghalhekk illi b'applikazzjoni tal-Kap 199 ahna li stajna nirrkonoxxu kienet il-mara tieghu u mhux hutu. Id-dikjarazzjoni li Giuseppa Portelli kienet baqghet toqghod fid-dar kellna, pero' kif ghidt, minhabba l-provvedimenti tal-kap 199, kellna nirrikonoxxu lill-mara tieghu."*

Jirrizulta li l-kawza odjerna appuntu nfethet mill-attrici bl-ghan li din il-Qorti tiddikjara d-decizjoni tal-konvenut kif prodotta fl-ittri msemmija datati 9 ta' Lulju 2007 u 3 ta' Ottubru, 2007 (esebiti a fol. 9 u 10) 'bhala decizjoni moghtija abbuzivament in kwantu hija bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll hija wahda kontra il-ligi, diskriminatorja u ultra vires' (ara l-ewwel talba attrici).

Konsegwentement l-attrici titlob li tigi annullata u rexissa tali decizjoni u tordna lid-Direttur sabiex jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

Illi l-ittri li taghhom qed tintalab li tigi dikjarata n-nullita' u rexissjoni jaqraw kif isegwi:

**(i) L-ittra datata 9 ta' Lulju 2007:**

*'Raba' maghruf "klawsura ix-xaghra ta' Wied Bingemma Parti 2" Nadur, Ghawdex.*

*Naghmel referenza ghall-ittra tieghek datata 28 ta' Gunju 2007 f'isem Guzeppa Portelli rigward ir-raba' hawn fuq imsemmi u r-razzett relatat.*

*Nixtieq ninfurmak li l-proprjeta' hawn fuq imsemmija giet trasferita lill-Gvern mill-Knisja bi qbiela f'isem Emanuel Portelli. It-trasferiment fuq il-mara ta' Emanuel, Belinja saret skont Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Jiddispjacini ninfurmak li t-talba ta' Guzeppa ma' tistax tigi milqugha minhabba li ma' ghandiex dixxendenza linejari ma' Emanuel.'*

L-ittra hija ffirmata minn certu Ramon Francalanza ghan-nom tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt.

**(ii) L-ittra datata 3 ta' Ottubru, 2007 taqra kif isegwi:**

*'Raba' maghruf bhala: "Klawsura ix-Xaghra ta' Wied Bingemma", Nadur, Ghawdex*

*B'referenza ghall-ittra tieghek tat-13 ta' Settembru 2007 u tal-20 ta' Lulju 2007, nixtieqek illi terga tirreferi ghall-ittra mibghuta lilek fid-9 ta' Lulju 2007, fejn inti gejt diga' infurmat*

*ufficcjalment bil-posizzjoni tad-Dipartiment, kemm ghar-rigward tat-titolu tal-proprjeta' kif ukoll rigward it-talba tal-klijenta tieghek.'*

L-ittra hija ffirmata mid-direttur innifsu s-Sur Joseph Sciriha.

Apparti l-ittri suesposti fl-atti giet esebita ittra ufficcjali ndirizzata li Paul Piscopo ghan-nom ta' l-attrici Guzeppa Portteli datata 29 ta' Novembru, 2007 (ara fol. 48 tal-process) fejn ghal darb'ohra d-Direttur tal-Ufficcju Kongunt jiddefendi l-posizzjoni tieghu kif isegwi:

*'l-imsemmija Guzeppa Portelli ma ghandha l-ebda dritt li titlob li tigi rikonoxxuta bhala l-inkwilina tal-fond numru 13, Triq Ghajn Qasab, Nadur u raba' annessa mieghu maghruf bhala Klawsura x-Xaghra ta' Wied Bingemma, fi Nadur, u dan peress li kif kien gie spjegat lilha f'zewg ittri separati datati 9 ta' Lulju 2007 u 3 ta' Ottubru 2007, il-fond in kwistjoni huwa fond rustiku li flimkien mar-raba' hawn fuq imsemmija huwa soggett ghall-qbiela li jista' biss jigi mgedded skont kif provdut fl-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba', Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Att jipprovdi ordni ta' preferenza bejn dawk il-persuni li jistghu jkollhom il-kirja mghoddija lilhom wara l-mewt tal-kerrej li kien rikonoxxut fuq l-imsemmija raba'.*

*L-artikolu 2 tal-kapitolu 199 jghid li wara l-mewt tal-kerrej il-kirja ta' l-art tghaddi lil dak il-membru tal-familja li matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien jahdem ir-raba' mieghu. Skont l-istess artikolu membru tal-familja jirreferi ghall-axxendenti lineari, armla jew armel u ghaldaqstant Guzeppa Portelli peress li tigi oht il-kerrej ma tistax tigi rikonoxxuta flok Emanuel Portelli, li kien il-kerrej rikonoxxut mill-Arcidjocesi ta' Malta fuq il-fond u l-art imsemmija u li sussegwentement giet mghoddija lill-Ufficcju Kongunt.*

*Ghal din ir-raguni l-esponent wara l-mewt ta' Emanuel Portelli irrikonoxxa lil martu Belinia Portelli peress li hi kienet dik il-membru tal-familja li kienet tghix mieghu fl-ahhar sena qabel il-mewt tieghu.'*

**Bazi legali:**

Illi ghal dik li hija bazi legali l-partijiet kollha jaqblu li l-art in kwistjoni hija suggetta ghall-qbiela u ghalhekk japplika l-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'mod partikolari l-artikolu tal-Kap. 199 rilevanti ghall-kaz odjern u li jaghmlu referenza ghalih iz-zewg partijiet fis-sottomissjonijet taghhom huwa l-artikolu 2 fejn tinghata tifsira ta' 'kerrej' u 'membru tal-familja' kif isegwi:

*'"kerrej" tinkludi kull membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bhal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien qed jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej; tinkludi wkoll, relattivament ghal sullokatur, sub-konduttur, liema kelma ghandha titqies f'dik ir-relazzjoni bhala li jkollha l-istess tifsir bhal kerrej fl-estensjoni shiha tieghu'*

*'"membru tal-familja" tfisser axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, ragel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma tergax tizzewweg, tal-kerrej;*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fis-sottomissjonijiet tal-attrici ghalkemm issir analizi tal-fatti kif

applikabbli taht id-definizzjoni ta' kerrej din issir fil-mument li miet Angelo Portelli cioe' missier l-attrici u Emanuel Portelli lura fis-sena 1974 u mhux fil-mument li ttiehdet id-decizjoni mid-Direttur konvenut. Il-Qorti tirrileva li ghakemm huwa minnu li jekk wiehed kellu jhares lejn dak il-mument sabiex japplika l-Kap 199, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li allura Guzeppa Portelli kienet tikkwalifika sabiex tigi rikonoxxuta bhala kerrejja stante li kienet tirrisjedi fir-razzett in kwistjoni u taghmel uzu mir-raba', jekk mhux waheda almenu ma' huha Emanuel Portelli li kif inghad ma hemmx kontestazzjoni li wkoll kien jahdem ir-raba' ma' missieru. Jirrizulta izda li fil-mument li r-raba' giet rikonoxxuta favur Emanuel Portelli biss id-decizjoni dak iz-zmien ittiehdet mill-Knisja u mhux mid-Direttur konvenut odjern.

Illi jirrizulta wkoll li meta l-proprjeta' ghaddiet ghand il-Gvern ta' Malta din ghaddiet minghand il-Knisja bhala li kienet tirrikonoxxi biss lil Emanuel Portelli bhala l-kerrej (anki jekk jista' jinghad giet ingannata f'tali decizjoni in vista li l-firma ta' Guzeppa Portelli fuq l-iskrittura li ghamlitha possibbli li l-kirja tinqaleb fuq Emanuel Portelli giet dikjarata bhala falza minn din il-Qorti diversament preseduta). L-istat ta' fatt li ghadda ghand il-Gvern ta' Malta u ghalhekk ghand id-Direttur konvenut kien li Emanuel Portelli kien l-uniku kerrej rikonoxxut. L-istess konvenut konsegwenti ghall-mewt ta' Emanuel Portelli gie mitlub jirrikonoxxi lil martu u l-eredi tieghu dixxendenti lineari u cioe' uliedu bhala l-kerrejja. F'dan il-mument id-Direttur konvenut gie nfurmat permezz ta' dikjarazzjoni ta' mart il-mejjet Emanuel Portelli u cioe' Beligna Portelli li Guzeppa Portelli kienet tirrisjedi fir-razzett u li kienet ilha taghmel hekk sa minn meta twieldet izda nonostante din id-

dikjarazzjoni u in vista ta' dak li timponi l-ligi fl-artikolu 2 tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta, id-Direttur ipproceda sabiex jirrikonoxxi lil mart u wlied Emanuel Portelli.

L-attrici tattakka din id-decizjoni kif notifikata lilha permezz tal-ittri datati 9 ta' Lulju, 2007 u 3 ta' Ottubru 2007 u xejn aktar (ara l-ewwel talba attrici). Tattakka din id-decizjoni mhux ghaliex originarjament il-Knisja kienet giet ingannata sabiex tirrikonoxxi lil Emanuel Portelli (b'referenza ghall-iskrittura datata 25 ta' Gunju, 1978 a fol. 141) izda ghaliex l-attrici ssostni fit-talba taghha li d-Direttur konvenut ibbaza d-decizjoni tieghu fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll hija wahda kontra il-ligi, diskriminatorja u ultra vires.

Illi l-mod kif id-Direttur konvenut wasal ghad-decizjoni tieghu huwa spjegat b'mod ampju fl-ittra ufficcjali tieghu esebita a fol 48 tal-process ikkwotata aktar 'il fuq. L-attrici fil-provi mressqa minnha u fis-sottomissjonijiet taghha mkien ma tat xi hjiel fejn id-Direttur konvenut seta' agixxa kontra l-ligi b'mod diskriminatorju jew ultra vires il-poteri tieghu anzi jirrizulta li d-Direttur konvenut applika kelma b'kelma dak li tghid il-ligi fl-artikolu 2 tal-Kap. 199 u kien ghalhekk li wasal sabiex jirrikonoxxi bhala kerrej lill-eredi ta' Emanuel Portelli u mhux lill-attrici. F'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghal dak sottomess mill-abbli difensur tad-Direttur konvenut fis-sottomissjonijiet tieghu kif isegwi:

'Illi gialadarba gie stabbilit illi l-inkwilin kien proprju Emanuel Portelli hekk kif rikonoxxut mill-knisja, dak li kien imiss huwa illi l-esponent jirrikonoxxi l-inkwilin

wara l-mewt ta' Emanuel Portelli ai termini tal-artikolu 2 tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi di fatti l-esponent irrikonoxxa l-eredi tal-istess Emanuel kif ukoll il-persuni li kienu jahdmu r-raba mertu ta' din il-kawza;

Gialadarba l-esponent mexa kelma b'kelma ma' ligi, hija assurda l-allegazzjoni tal-attrici illi d-decizjoni tieghu kienet abbuziva in kwantu mehuda kontra l-ligi u msejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti ghaliex di fatti id-decizjoni ttiehdet abbazi tal-ligi;

Illi *di piu'* ma seta' gie applikat l-ebda diskriminazzjoni fid-decizjoni tal-esponent gialdarba d-decizjoni hija wahda mehuda in linja mal-parametri tal-ligi;

Illi aktar minn hekk, id-decizjoni tal-esponent qatt ma setghet tkun *ultra vires* ghaliex kemm il-fatt illi l-esponent huwa proprjetarju tal-istess fond, u dan huwa konfermat mill-attrici u huwa fatt pacifiku, kif ukoll ai termini tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, kien jispetta lill-esponent jiehu dik id-decizjoni li certament kienet *intra vires;*

**Illi l-esponent qatt ma seta' abbazi tal-ligi citata jirrikonnoxxi l-attrici bhala nkwilina. Anzi jinghad minghajr pregudizzju u ghall-grazzja tal-argument, *dato ma non concesso*, illi li kieku l-esponent ha d-decizjoni li jirrikonnoxxi lill-attrici bhala nkwilina, dik id-decizjoni kienet tkun wahda kontra l-ligi u abbuziva; *(emfazi tal-Qorti)***

. . . Illi gialadarba l-qbiela dejjem kienet imhalsa mill-inkwilini hekk kif rikonoxxuti, dan il-fatt wkoll jitfa' dawl fuq min di fatti kien qieghed jiehu hsieb ir-razzett u r-raba, u min eventwalment gie rikonoxxut bhall-inkwilin tal-istess;

**I. Is-Stharrig Gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A (1) (b) (iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi jibda biex jinghad li minkejja illi l-attrici ntavolat proprju kawza ghal stharrig gudizzjarju ghad-decizjoni mehuda mid-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt, fil-mori tal-kawza l-ebda prova ma ngabet quddiem dina l-Onorabbli Qorti illi d-decizjoni tal-esponent hija wahda moghtija abbuzivament in kwantu bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll hija wahda kontra l-ligi, diskriminatorja u *ultra vires*, anzi, l-attrici qeghdha tallega illi l-mankat rikonoxximent taghha bhala nkwilina hija dovuta ghall-azzjonijiet frawdolenti tal-intervenuta fil-kawza;

Illi din il-konsiderazzjoni tigi kkonfermata mill-kontenut tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici fejn is-sottomissjonijiet tal-attrici huma diretti lejn l-intervenuta fil-kawza u l-allegati azzjonijiet frawdalenti tal-istess;

Illi l-esponent umilment jigbed l-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti illi gialadarba l-attrici ppretendiet illi d-decizjoni tal-esponent kellha tigi riveduta ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta abbazi tal-allegazzjonijiet surreferita, hija kellha ggib evidenza ta' dan kollu. Minkejja dan, l-attrici ghazlet minflok illi tbiddel it-tir u tikkontesta skritturi li gew gja analizzati minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawzi 105/2008 u 59/2008 fejn gie ndikat illi:

> *"Wara li l-qorti qieset ic-cirkostanzi li jissemmew hawn fuq, hi tal-fehma li fuq bazi ta' probabbilita' l-firma Guzeppa Portelli fuq l-iskrittura tasl-25 ta' Gunju 1978 m'hijiex tal-attrici. F'kull kaz il-**qorti qeghda taghmilha cara li din id-decizjoni ma tfissirx li l-posizzjoni ta' Beligna Portelli qeghdja tigi pregudikata, kwistjoni li ghad trid tigi determinata fil-kawza l-ohra Guzeppa Portelli vs Direttur Ufficcju Kongunt** (Rikors numru: 127/2007). "*

Illi l-attrici issa qeghdha tippretendi illi permezz ta' din il-konsiderazzjoni citata hawn fuq dwar l-allegat agir frawdolenti tal-intervenuta fil-kawza, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tordna lill-esponenti sabiex jirrevedi d-decizjoni tieghu dwar ir-rikonoxximent tal-inkwilini mertu ta' din il-kawza. Bir-rispett dovut imma din il-pretensjoni tal-attrici hija assurda u legalment insostennibbli;

**Jigi sotomess illi l-azzjoni tal-attrici kellha se mai turi illi l-agir tal-esponent kien wiehed abbuziv mentri johrog car mill-atti u provi kollha esebiti illi l-esponent fl-ahhar mill-ahhar mexa abbazi ta' dak rikjest mil-ligi u fl-ebda mument ma ha decizjoni msejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti;** ***(emfazi tal-Qorti)***

Minghajr pregudizzju ghas-sottomess se mai l-azzjoni tal-attrici u dan johrog car min-nota tal-osservazzjonijiet tal-istess, qeghdha tikkontesta r-rikonoxximent li nghata mill-knisja fejn certu Dun Karm li kien ghamel skrittura jghaddi r-rikonoxximent ta' kerrej fuq ir-raba in kwistjoni fuq Emanuel Portelli u mhux fuq Guzeppa Portelli. Issa jekk ghall-grazzja tal-argument, **dato ma non concesso**, wiehed jinnota xi nuqqas min-naha tal-Knisja meta gie mghoddi r-raba aktar minn erbghin sena ilu, huwa assurd ghall-ahhar illi l-esponent jigi rinfaccat bl-allegazzjoni illi decizjoni tieghu kienet wahda abbuziva *stante* illi zgur mhux forsi l-esponent mexa hekk kif kien rikjest mil-ligi u ma kellux l-ebda informazzjoni ulterjuri altro dak li gie mghoddi lilu mill-proprjetarji precedenti;

**Illi dak li issa qeghdha tittenta l-attrici tmur pass oltre s-stharrig gudizzjarju tad-Direttur esponenti ghaliex di fatti l-attrici qeghdha tikkontesta r-rikonoxximent ta' kerrej fuq ir-raba in kwistjoni kif gie mghoddi mill-knisja (proprjetarji precedenti) ghall-inkwilin Emanuel Portelli u mhux kif gie mghoddi mid-Direttur tal-Ufficcju Kongunt (propjetarji prezenti) ghall-inkwilini prezenti;**

**Illi f'dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza ghat-talbiet attrici (kif riprodotti f'din in-nota) fejn qieghed jigi mitlub illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi d-decizjoni tal-esponenti kif prodotta fl-ittri tad-9 ta' Lulju 2007 u 3 ta' Ottubru 2007 hija abbuziva. Illi ghaldaqstant il-Qorti hija marbuta li taghmel stharrig gudizzjarju ta' dik id-decizjoni. Illi f'din il-kawza mhux qed jintalab stharrig gudizzjarju tad-decizjoni tal-Knisja li ddawwar il-qbiela minn fuq Angelo Portelli ghal fuq Emanuel Portelli izda biss tad-decizjoni tal-konvenuti li ddawwar il-qbiela minn fuq Emanuel Portelli fuq l-eredi tieghu u mhux fuq Guzeppa Portelli.**

**Illi l-esponent iddecieda mill-premessa li l-qbiela kienet fuq Emanuel Portelli u applika l-ligi senjatament il-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta biex wasal ghad-decizjoni tieghu... L-attrici Guzeppa Portelli certament ma taqax fil-parametri ta' dak li trid il-Ligi.**

Illi ghaldaqstant l-azzjoni attrici ghalkemm fil-premessi taghha u fir-rikors promotur tattakka l-agir tal-esponent u d-decizjoni surreferita, fil-verita' ma giex muri illi d-decizjoni tal-esponent kienet wahda moghtija abbuzivament in kwantu bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll hija wahda kontra l-ligi, diskriminatorja u *ultra vires* hekk kif tallega l-attrici;

Illi tajjeb illi f'dan l-istadju jsir ezercizzju akkademiku fil-qosor tal-Artikolu 469A u stharrig gudizzjarju in generali. Illi fis-sentenza fl-isimijiet ***"Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta` Malta"*** li kienet konfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Marzu 2007 dik l-Onorabbli Qorti kkunsidrat illi:

> *"Illi llum huwa accettat li l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 talLigijiet ta' Malta hija mahsuba biex taghti rimedju lill-individwu dwar l-imgieba tal-awtorita' pubblika fil-konfront tieghu. Is-setgha li tinghata mill-imsemmi artikolu lill-Qorti fil-kompetenza taghha civili dwar ghemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistharreg is-siwi ta' dak l-ghemil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew minghajr ebda effett. Dan tista' taghmlu meta l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni* ***<u>jew meta jkun sar lil hinn mis-setgha ta' min wettqu (ultra vires)</u>****. F'din l-ahhar ipotezi,* ***<u>dan l-eccess ta' setgha jista' jirrizulta meta l-att isir minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-awtorita', ghalkemm ikollha setgha twettaq dak l-ghemil, tkun naqset li thares il-principji ta' gustizzja naturali jew htiega procedurali li ta bilfors trid thares qabel ma tasal ghal dak l-ghemil, jew jekk l-ghemil jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' dik l-awtorita' billi jsir ghal xi ghan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni rrilevanti, jew meta dak l-ghemil imur b'kull mod iehor li jkun kontra l-ligi.</u>*** *Bil-kelma "ghemil", il-ligi tifhem ukoll cahda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita' pubblika".*

U aktar:

> *"DeSmith & Evans fil-Judicial Review of Administrative Action (Fourth Edition – pag. 278-9) ighidu hekk – "A person aggrieved by the exercise of a discretionary power may, instead of attacking the merits of the exercise of the discretion, contend that the repository of the discretion has acted without jurisdiction or 'ultra vires' because of the non-existence of a state of affairs upon which the validity of the exercise of the discretion depends. Or he may contend that the repository of the discretion has failed to observe the rules of natural justice (if they are found to be applicable) or other essential procedural requirements. If his contentions are successful, the court will hold the discretionary act to be invalid,* ***and the fact that the true reason for instituting proceedings will have been his dislike of the manner in which the discretion itself was exercised is not a valid objection to the proceedings****. . . . . The crucial question, however, is : In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express provisions of a statute? The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority in which the discretion has been confided."*

Illi meta wiehed japplika l-principji msemmija fis-sentenza citata ghall-kawza odjerna, facilment jasal ghall-konkluzzjoni illi l-esponent Direttur certament ma kienx qieghed jagixxi *ultra vires* meta ha d-decizjoni illi jirikonoxxi l-inkwilin fil-fond mertu ta' din il-kawza ghaliex ma kinitx "***lil hinn mis-setgha ta' min wettqu"***. Illi fi kliem tal-Awturi *DeSmith & Evans,* l-esponent jirrileva illi l-azzjoni tal-attrici hija wahda msejsa fuq "the ***dislike of the manner in which the discretion itself was exercised..."*** li m'hijiex "***a valid objection to the proceedings..."'***

Din il-Qorti taqbel bi shih mas-sottomissjonijiet tad-Direttur konvenut. Il-Qorti wara li gharblet kelma, b'kelma l-provi kollha mressqa quddiemha nkluz l-atti kollha annessi tqis li fl-ebda mument ma gie pruvat lilha li d-decizjoni tad-Direttur konvenut kif riportata fl-ittri tad-9

ta' Lulju, 2007 u 3 ta' Ottubru 2007 (fol. 9 u 10) b'xi mod kienet ibbazata fuq konsiderazzjonijiet ***irrilevanti*** kif issostni l-attrici. Anzi jirrizulta mill-atti li d-Direttur konvenut dam jistharreg it-talba sabiex il-qbiela li kienet issejjah lil Emanuel Portelli tinqaleb fuq martu u wliedu u sahansitra talab dikjarazzjonijiet fosthom dwar min kien jghix fir-razzett in kwistjoni qabel ma pproceda sabiex jiehu decizjoni. Wara li d-direttur ha konjizzjoni tal-fatti kollha, applika l-ligi u cioe' dak li jinghad fl-artikolu 2 tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta u ddecieda li jirrikonoxxi lil Beligna Portelli u l-eredi ta' Emanuel Portelli nonostante li kien gie debitament infurmat li l-attrici kienet tirrisjedi fir-razzett. Id-Direttur konvenut f'dak l-istadju ma seta' qatt legalment jirrikonoxxi lill-attrici stante li ma kinitx tikkwalifika bhala 'kerrej' u 'membru tal-familja' ai termini tal-artikolu 2 tal-Kap. 199. Din il-Qorti ma tistax tara kif b'xi mod il-konsiderazzjonijiet li ha d-Direttur konvenut jistghu jigu deskritti bhala ***rrilevanti***.

Illi l-istess jinghad ghall-allegazzjoni li d-decizjoni tad-Direttur kienet wahda ***diskriminatorja***. Kif tista' decizjoni tikkwalifika bhala diskriminatorja jekk mehuda entro l-parametri tal-ligi fid-diskrezzjoni tad-Direttur kif ghandu kull dritt u obbligu li jiehu tali decizjoni?! Aktar u aktar ma jistax jinghad li d-decizjoni tad-Direttur konvenut kienet *ultra vires*. Parti mill-poteri u obbligi tad-Direttur konvenut skont il-ligi huma appuntu li jirrikonoxxi l-kerrejja tal-qbiela fuq proprjeta' tal-Gvern. Fit-talba odjerna, kif gia espost, huwa talab l-informazzjoni u ha d-decizjoni finali tieghu entro l-parametri tal-ligi u xejn aktar. Id-decizjoni tieghu kienet tkun *ultra vires* li kieku d-Direttur ghazel li jirrikonoxxi lill-attrici meta l-attrici ma taqax entro l-parametri mposti fil-ligi sabiex

tikkwalifika bhala 'kerrej' jew 'membru tal-familja' u mhux bil-kontra.

Din il-Qorti ma ghandhiex dubju li lura meta gie rikonoxxut Emanuel Portelli mill-Knisja bhala l-kerrej tal-proprjeta' in kwisjtoni setghet sehhet ingustizzja fil-konfront tal-attrici u dan ghaliex:

(i) ma kinitx taf x'qed jigri minn wara dahra; u
(ii) ai termini tad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta u li hija *res judicata* msemmija aktar 'il fuq giet iffalsifikata l-firma taghha sabiex seta' sar it-trasferiment in kwistjoni.

Izda din il-Qorti hija marbuta mat-talbiet kif esposti mill-istess attrici fir-rikors guramentat u ma tistax tmur oltre l-istess talbiet. Huwa car li t-talbiet attrici jattakkaw il-validita' u jitolbu l-istharrig gudizzjarju tad-decizjoni tad-Direttur konvenut u mhux id-decizjoni precedenti mehuda fis-snin sebghin mill-Knisja li tirrikonoxxi biss lil Emanuel Portelli. Li kieku din il-Qorti kellha tidhol f'din il-kwistjoni u tistharreg id-decizjoni tal-knisja l-Qorti tkun qed tagixxi hi oltre l-parametri tal-kawza kif imposta mill-istess attrici u cioe' *extra petita*.

Illi stante dak kollu suespost, la darba din il-Qorti fl-istharrig taghha tad-decizjoni tad-Direttur konvenut ma sabet xejn legalment hazin fl-istess decizjoni li taghha u taghha biss qed jintalab l-istharrig gudizzjaru mill-attrici skont l-ewwel talba taghha, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li filwaqt li tqis l-eccezzjonijiet tal-konvenut bhala gjustifikati tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta′ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa′ l-eccezzjonijiet kollha tad-Direttur konvenut, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez kollha kontra taghha.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**